MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 257/2007

**S.N. Properties Limited (C-14555)**

**Vs**

**Maryrose Sant**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta’ erbat elef disa’ mija u erbatax-il lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm4,914.48) rappresentanti xoghol maghmula mis-socjeta’ mittenti fuq struzzjonijiet tal-konvenuta fil-fond mibjugh lillha mill-istess socjeta’ mittenti u dana skond ftehim ta’ bejniethom.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Novembru, 2004 u dik ta’ l-ittra ufficjali datata 14 ta’ Gunju, 2007 ai termini ta’ l-Art 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax kummercjali mid-data

ta’ meta l-imsemmija somma saret dovuta sad-data tal-effettiv pagament.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Semghet lill-istess konvenuta “seduta stante’ tammetti t-talbiet attrici skond kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-lum stess.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbat elef disa’ mija u erbatax-il lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm4914.48) bl-imghax legali mit-tlieta (3) ta’ Novembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-itra ufficjali tat-3 ta’ Novembru 2004 u tal-ohra tal-14 ta’ Gunju 2007 mahruga skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------